MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 108/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**U ERIC ZAMMIT ta' 41 sena, iben Joseph u Rose nee' Zarb, imwieled Tal-Pieta' nhar it-02.11.1970, residenti fil-fond Ent D, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 518870M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Eric Zammit** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Lulju, 2007, ghall-habta ta' 23.45hrs, gewwa Triq Marina, Pieta', kellu fil-pussess tieghu, cioe' taht il-kontroll tieghu, arma ta' l-arja (airgun) minghajr licenzja, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe' Magistrat Dr A Vella LL.D., diversament preseduta u datata 11 ta' Gunju, 2007.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 13), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni (folio 26).

Rat ukoll illi ma' l-interrogatorju (folio 27), l-imputat irregistra li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotta, u t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq nuqqas ta' provi, din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat Eric Zammit hati, u ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------